

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)  
> [Drittijiet Tal-vittmi - Skont Il-pajjiż](#) > 3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess

### 3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess

## Nista' nappella kontra d-deċiżjoni?

Ma tistax tappella kontra sentenza tal-qorti jekk ma tkunx ressaqt rikors biex tingħaqad mal-proċedimenti kriminali bħala parti ċivili li qed tfttex id-danni, għaliex il-fatt li int vittma tar-reat minnu nnifsu ma jagħmlekk parti mill-proċedimenti.

Jekk fil-fatt ressaqt rikors biex tingħaqad fil-proċedimenti kriminali bħala parti ċivili, u l-qorti laqgħet ir-rikors tiegħek, ma tistax tappella kontra l-verdett ta' ħtija jew nuqqas ta' ħtija jew kontra s-sentenza imposta. Tista' tikkontesta biss il-partijiet tas-sentenza li jikkonċernawk.

## X'inhuma d-drittijiet tiegħi wara li tingħata s-sentenza?

Fil-każijiet kollha, int intitolat:

- tkun infurmat bi kwalunkwe deċiżjoni li tipprojbixxi lit-trażgressur milli jiġi f'kuntatt miegħek;
- tkun infurmat dwar l-eżekuzzjoni tas-sentenza (ħelsien tal-persuna kkundannata, tnaqqis tas-sentenza, indirizz fejn qed tgħix il-persuna kkundannata, eċċ.), permezz ta' assoċjazzjoni tal-appoġġ għall-vittmi (*association d'aide aux victimes*) jew direttament mis-Servizz Penitenzjarju għall-Integrazzjoni u l-Probation (*Service Pénitentiaire d'Insertion et de Probation* — SPIP);
- li tistaqsi lill-imħallef jipprojbixxi lit-trażgressur milli jiltaqa' miegħek jew jikkuntattjak, jekk dan jinħeles temporanjament jew jingħata libertà kondizzjonali jew jekk is-sentenza titnaqqas jew tiġi modifikata;
- li tiġi nnotifikat jekk wara l-kundanna t-trażgressur jaħrab u jkun hemm periklu għalik jew għal dawk ta' madwarek;
- li tkun assistit minn assoċjazzjoni ta' appoġġ għall-vittmi;
- li l-interessi tiegħek jittieħdu inkonsiderazzjoni qabel kwalunkwe deċiżjoni biex il-persuna kkundannata tiġi lliberata, u li tissottometti kummenti bil-miktub dwar kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed, f'perjodu ta' ħmistax-il jum minn meta tintalab tagħmel dan.

Jekk ingħaqadt mal-proċedimenti bħala parti ċivili, int intitolat ukoll:

- li tiġi infurmat mill-qorti dwar id-dritt tiegħek li tippreżenta talba lill-bord ta' kumpens għall-vittmi ta' reati kriminali (*commission d'indemnisation des victimes d'infractions* — CIVI);
- li tkun irrappreżentat minn avukat u/jew li tibbenefika minn għajjnuna legali;
- li tiġi nnotifikat bid-deċiżjoni (tintbagħhatlek kopja).

Filwaqt li t-trażgressur ikun qed iservi s-sentenza, int intitolat:

1. tirreferi kwalunkwe pass ta' dannu għall-interessi tiegħek lill-awtorità ġudizzjarja (*autorité judiciaire*, inkluż il-prosekutur pubbliku);
2. tikseb riparazzjoni għat-telf tiegħek, fil-forma ta' kumpens għad-danni jew kumpens ieħor xieraq; f'każijiet xierqa tista' tiġi mistoqsi jekk taqbilx ma' miżura ta' ġustizzja riparatriċi;
3. li tkun infurmat, jekk tixtieq, bit-tmiem tal-iskontar ta' sentenza ta' priġunerija, fil-każijiet u fil-kundizzjonijiet previsti mill-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali (*Code de procédure pénale* — CPP);
4. jekk meħtieġ, li jitqies il-bżonn li jkun ggarantiti s-serħan tal-moħħ u s-sigurtà tiegħek.

L-awtorità ġudizzjarja hija obligata li tigarantixxi dawn id-drittijiet kollha matul l-iskontar tas-sentenza, tkun taħt liema forma tkun.

## Jien intitolat għal appoġġ jew protezzjoni wara l-proċess kriminali? Għal kemm żmien?

Wara l-proċess kriminali, tista' tiġi assistit minn avukat li jista' jagħtik pariri dwar kemm huwa għaqli li tressaq appell, jew dwar kif tqabba marixxall (*huissier de justice*).

Tista' tkun kapaċi wkoll tikseb assistenza mingħand assoċjazzjoni ta' appoġġ għall-vittmi, mingħajr l-ebda limitu fuq id-durata.

## X'informazzjoni ningħata jekk it-trażgressur jiġi kkundannat?

Jekk it-trażgressur jiġi kkundannat, tiġi nnotifikat bis-sentenza jekk ikun fiha dispożizzjonijiet li jipprojbixxu lill-awtur milli jikkuntattjak jew jersaq lejn darek.

Jekk ingħaqadt fil-proċedimenti bħala parti ċivili, għandek tirċievi kopja tas-sentenza li timponi s-sentenza.

Jekk it-trażgressur jintbagħat il-ħabs, tista' tiġi nnotifikat bi kwalunkwe libertà kondizzjonali proposta u tiġi mitlub tagħti l-fehmiet tiegħek

## Niġi infurmat jekk it-trażgressur jinħeles (inkluż ħelsien kmieni jew kundizzjonali) jew jekk jaħrab mill-ħabs?

Meta persuna tkun ġiet ikkundannata għal ċerti reati kriminali (stupru, qtil jew attentat ta' qtil, u l-biċċa l-kbira tar-reati kriminali ta' natura sesswali), u jekk titlob dan bħala vittma jew parti ċivili, għandek tiġi infurmat, direttament jew permezz tal-avukat tiegħek, bil-ħelsien tat-trażgressur mal-iskadenza tas-sentenza.

F'każ li t-trażgressur jaħrab, tiġi infurmat mill-prosekutur pubbliku.

## Se nkun involut f'deċiżjonijiet dwar ħelsien jew libertà kondizzjonali? Pereżempju, nista' nagħmel stqarrija jew inressaq appell?

Fejn ikun hemm periklu li persuna kkundannata tista' tiġi f'kuntatt mal-vittma jew parti ċivili, u li tali kuntatt jenħtieġ li jiġi evitat, il-qrati li jindirizzaw l-eżekuzzjoni tas-sentenzi, jekk jiddeċiedu li l-persuna kkundannata għandha tinħeles b'mod temporanju jew permanenti, jipprojbixxu lill-persuna kkundannata milli tagħmel kuntatt mal-vittma jew mal-parti ċivili, u jekk ikun meħtieġ, milli tersaq qrib id-dar jew il-post tax-xogħol tagħha (l-Artikolu 712-16-2, l-ewwel paragrafu, CPP).

Tali projbizzjoni trid tiġi imposta — sakemm ma tittiħidx deċiżjoni għall-kuntrarju għal raġunijiet iddikjarati — jekk il-persuna tkun ġiet ikkundannata għal wieħed mill-atti msemmija fl-Artikolu 706-47 CPP (li jinkludi l-biċċa l-kbira tar-reati sesswali, l-Artikolu 712-16-2, it-tieni paragrafu, CPP).

F'tali każijiet il-vittma jew il-parti ċivili jiġu infurmati bil-miżura u bil-konsegwenzi li t-trażgressur jaffaċċja jekk jonqos milli jikkonforma mal-projbizzjoni (l-Artikolu 712-16-2, it-tielet paragrafu, CPP, ara hawn taħt).

Jekk parti ċivili titlob dan, avukat li jaġixxi għaliha — iżda mhux għal vittma li mhix parti ċivili — jista' jidher u jagħmel sottomissjonijiet fil-proċedimenti quddiem qorti li tkun qed tqis talba għal-libertà minn persuna kkundannata għal terminu ta' priġunerija (*emprisonnement* jew *réclusion*) ta' ħames snin jew aktar.

Barra minn hekk, qorti li tiegħu ħsieb l-eżekuzzjoni ta' sentenzi tista', qabel tiegħu deċiżjoni, tinforma lill-vittma jew lill-parti ċivili, direttament jew permezz tal-avukat tagħha, li tista' tissottometti l-osservazzjonijiet tagħha bil-miktub fi żmien 15-il jum minn meta tiġi nnotifikata. Il-vittma jew il-parti ċivili jistgħu jibagħtu l-osservazzjonijiet tagħhom lill-qorti bil-mod li jippreferu.

Vittma ma tistax tappella kontra deċiżjonijiet fir-rigward tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-persuna kkundannata. Il-vittma tista' tressaq kwerela ġdida jekk it-trażgressur iwettaq reati ġodda. Jekk il-persuna kkundannata twettaq xi ksur tal-obbligi jew tal-projbizzjonijiet tagħha, pereżempju billi tonqos milli tikkonforma mal-projbizzjoni jew tagħmel kuntatt mal-vittma, il-vittma tista' tirrapporta l-kwistjoni lill-imħallef li jissorvelja t-termini tal-libertà jew

lill-prosekutor pubbliku.

■ L-aħħar aġġornament: 02/07/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.